MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2007

Numru 13/2007

Il-Pulizija
(Sp Ramon Mercieca u Sp Victor Aquilina)
vs
Elaine Muscat, bint Louis, imwielda Pieta’ fid-19 ta’ april, 1981

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata –
1. talli fis-6 ta’ settembru, 2006 għal ħabta tas-2.45 p.m. f’dawn il-Gżejjer, u cioe’ f’Birkirkara, ikkomettiet serq ta’ oġġetti minn ġewwa l-ħanut Eurosportsitwat ġo Triq Salvu Psaila għad-dannu ta’ sid il-ħanut;
2. talli b’diversi atti magħmulin minnha, matul ix-xahar ta’ awissu, 2006, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmulin b’risoluzzjoni waħda, u cioe’ ikkomettiet serq ta’ diversi

oġġetti minn diversi ħwienet ġewwa dawn il-Gżejjer u cioe' ġewwa Birkirkara, l-Iklin, Paceville u tas-Sliema għad-dannu ta' diversi sidien, liema serq hu kkwalifikat bil-valur;

3. talli fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija lilha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-29 ta' novembru, 2004 ikkomettiet reat li għalih hemm il-piena tal-priġunerija;

4. talli fl-istess żmien u ċirkostanżi rrendiet ruħha reċidiva skond l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali b'diversi sentenżi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, diversament presjeduti, liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' april, 2007 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' ottubru, 2007 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputata għandha problema ta' droga, kif ukoll qed tbagħti minn kondizzjoni ta' 'bulimia'.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukata ta' l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputata ħatja tat-tielet akkuża miġjuba kontra tagħha billi dik is-sentenza partikolari ma ssemmi ebda sentenza sospiża. Issibha ħatja tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 261(ċ), 279(a), 284, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannha għal piena ta' sena priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------